MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

Seduta ta' l-4 ta' Mejju, 2010

Rikors Numru. 862/2009

**Dipartiment għas-Servizzi tal-Indafa**

***Versus***

**Kunsill Lokali tan-Naxxar**

1. Dan huwa provvediment fuq rikors taħt l-art. 466 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili biex il-qorti tiddikjara bħala infondata talba magħmula b'ittra uffiċjali minn dipartiment tal-gvern.

2. Il-fatti relevanti huma dawn: b'kuntratt tal-14 ta' Novembru 2006 il-Kunsill Lokali tan-Naxxar kien ħatar lid-Dipartiment għas-Servizzi tal-Indafa – dipartiment tal-gvern – bħala kuntrattur għat-tindif ta' toroq pubbliċi. Billi deherlu li t-tindif ma kienx qiegħed isir sew u baqa' ma sarx sew minkejja lmenti bil-fomm u bil-kitba, il-kunsill żamm il-ħlas ta' tmien xhur, b'kollox tmintax-il elf, erba' mija u erbgħa u sittin euro u sitta u sittin ċenteżmu (€18,464.66). Id-dipartiment b'ittra uffiċjali tal-14 t'Awissu 2009 magħmula kif igħid u jrid l-art. 466 tal-Kodiċi ta'

Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili talab il-ħlas; il-kunsill b'rikors tat-3 ta' Settembru 2009 taħt l-art. 466(2) oppona għat-talba u talab illi l-qorti tgħid illi hija infondata.

3. Mix-xiehda ħareġ illi tassew kien hemm nuqqasijiet min-naħa tad-dipartiment fit-twettiq tal-obbligazzjonijiet tiegħu taħt il-kuntratt għax f'aktar minn okkażjoni waħda t-tindif ma sarx kif kellu jsir. Dan, iżda, fil-fehma tal-qorti, ma jfissirx illi d-dipartiment ma jistħoqqlu ebda ħlas għax is-servizz li ta, għalkemm ma kienx kif kellu jkun, madankollu kien ta' siwi għall-kunsill, u dan jitħalla jistagħna bla mistħoqq b'telf mhux xieraq għad-dipartiment jekk il-qorti tgħid illi t-talba magħmula bl-ittra uffiċjali tal-14 t'Awissu 2009 hija għal kollox "infondata".

4. Il-ftehim bejn il-partijiet igħid fil-paragrafu 8 – "*Defaults*" – illi jsir tnaqqis ta' ħamsa fil-mija (5%) tal-ħlas ta' kull xahar jekk ikun hemm nuqqas min-naħa tad-dipartiment li jwassal għall-ħruġ ta' "*written notice of default*" mill-kunsill. Għalkemm id-dipartiment igħid illi l-avviżi bil-miktub li ngħatawlu ma għandhomx il-forma ta' *default notice*, il-qorti tosserva illi ma hija meħtieġa ebda forma sakramentali għall-validità: biżżejjed illi d-dipartiment ikun mgħarraf bil-miktub dwar in-nuqqasijiet u, naturalment, illi tassew ikun hemm dawn in-nuqqasijiet.

5. Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti hija tal-fehma illi t-talba tad-dipartiment għandha tiġi mnaqqsa b'ħamsa fil-mija (5%). Għalhekk tipprovdi dwar ir-rikors tal-Kunsill Lokali tan-Naxxar billi tgħid illi t-talba magħmula mid-Dipartiment għas-Servizzi tal-Indafa bl-ittra uffiċjali tal-14 t'Awissu 2009 hija infondata biss għal ħamsa fil-mija (5%) tas-somma mitluba, iżda tibqa' tiswa għall-bqija.

6. L-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri għandhom jinqasmu bin-nofs bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------